MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Rikors Numru. 27/2006

**Nardu Balzan Imqareb**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fis-17 ta` April, 2006, li in forza tieghu r-rikorrent, wara li ppremetta illi:

Il-Gazzetta tal-Gvern ta` Malta, minnha infisha hija Dokument Legali li torbot lil kull cittadin Maltin bil-Legalita` taghha.

Kif turi pagna: 3127, tal-Gazzetta tal-Gvern ta` Malta tal-31 ta` Ottubru, 1981, l-ufficjal rivizur kien ta` digriet fejn fih

kien ordna: li jien fuq ir-Registru Elettorali, u fuq il-karta ta` l-Identita` Nru, 338627M kelli inkun registrat bil-kunjom u isem: BALZAN IMQAREB NARDU. (Hares lejn Dok. A).

Wara l-imsemmi digriet ta` l-ufficcjal revizur, il-Kummissarju tal-Pulizija kien harigli il-Karta ta` l-Identita` kif kien ordna l-Ufficcjal revizur bil-kunjom u isem: BALZAN IMQAREB NARDU. (Hares lejn Dok. B).

Ghalkemm il-karta ta` l-identita` tieghi Nru. 338627M ilha li skadiet mill-10 ta` April, 1994, il-Kummissarju tal-Pulizija, bla ma huwa awtorizzat mill-ebda Qorti, ha il-ligi b`idejh billi ma jridx igeddidli il-Karta ta` l-Identita`; u b`hekk qieghed jikkawzali tbatija. Billi qieghda tkun difficli ghalija li insarraf xi cekk fil-Banek bil-Karta ta` l-Identita` Skaduta.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija, biex fl-iqsar zmien possibli, igeddidli l-Karta ta` l-Identita` Nru. 338627M, bil-kunjom u isem: BALZAN IMQAREB NARDU.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ipprezentata mill-intimat li in forza taghha ecepixxa illi:

1. Preliminarjament, in-nullita` tar-rikors stante li qed isir mir-rikorrent f`isem u kunjom li ma jappartjenux lilu skond il-ligi u dan skond kif dikjarat b`sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili fl-ismijiet *"Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku"* deciza fit-30 ta` Gunju, 2004 (kopja annessa Dok KTP1).

2. Preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, in-nullita` tar-rikors stante li dan mhux iffirmat minn avukat skond il-ligi u dan skond sentenza *"Bruce Clark vs Registratur tal-Qorti"* deciza fit-28 ta` Marzu, 2006.

3. Preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, in-nullita` tar-rikors stante li l-mertu u t-talbiet m`humiex ta` indole kostituzzjonali izda civili u dan skond sentenza *“Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Socjali”* deciza 27 ta` Frar, 2006.

4. Preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddiklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-proviso tas-subinciz (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 u tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta stante li r-rikorrent m`ezawriex ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni tieghu.

5. Fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

(i) Id-dettalji fuq il-Karta tal-Identita` jinhargu a bazi tad-dettalji ufficjali kif registrati fir-Registru Pubbliu, li fil-kaz odjern jirreferu ghall-isem Leonardo Balzan skond l-Att tat-Twelid tieghu kid anke konfermat mill-Onorabbli Qorti fil-kaz *“Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registeru Pubbliku”* imsemmija aktar `il fuq.

(ii) Id-digriet tal-Ufficjal Revizur tal-1981 kien jorbot biss lir-Registratur Elettorali u jekk il-Karta tal-Identita` tar-rikorrent kif annessa bhala Dok B fir-rikors promotur kienet tirrifletti l-kunjom Balzan Imqareb dan kien biss in vista ta` cirkostanzi partikoli f`dik l-epoka.

(iii) Effettivament ir-rikors kien ilu snin jigi nterpellat sabiex jirritorna l-Karta tal-Identita` tieghu skaduta u sabiex igedded l-istess bl-isem ufficjali tieghu Leonardo Balzon izda huwa baqa` dejjem inadempjenti.

(iv) In vista tas-suespost kwalunkwe tbatija li allegatament qed isofri r-rikorrent hija *self-inflicted*.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rikorrent u d-difensur tal-intimat;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent osserva li fl-1981 hu gie registrat u accettat bil-kunjom *"Balzan Imqareb"*, tant li kienet hargitlu Karta tal-Identita` b`dak il-kunjom. Dik il-Karta tal-Identita` skadiet fl-10 ta` April, 1994, u minn dak iz-zmien, l-intimat irrifjuta li johroglu Karta tal-Identita` gdida b`dak il-kunjom. B`dawn il-proceduri, r-rikorrent qed jitlob lill-Qorti tordna lill-intimat johroglu Karta tal-Identita` bil-kunjom *"Balzan Imqareb"*.

Din il-Qorti, pero`, taqbel mal-lanjanza tal-intimat li hawn non si tratta minn ksur tal-Kostituzzjoni, izda, se mai, minn att amministrattiv, u ghan-nuqqas tal-amministrazzjoni l-ligi tipprovdi rimedji ordinarji taht l-artikolu 469A tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta).

Dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent hu att amministrattiv kif imfisser fl-istess ligi. Is-subartikolu (2) ta` dan l-artikolu jfisser *"eghmil amministrattiv"* bhala li jinkludi kull *"decizjoni jew ir-rifjut ghat-talba ta` xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika"*, u dak li sehh f`dan il-kaz huwa, kif ammess, rifjut ta` parti ta` ufficcjal pubbliku li johrog Karta tal-Identita` kif mitlub mir-rikorrent. Dak ir-rifjut huwa konsegwenza ta` decizjoni li ha l-intimat li, allura, huwa sindikabbli bi proceduri ordinarji taht l-artikolu 469A tal-imsemmi kodici.

Fil-fatt, ir-rikorrent stess, f`dawn il-proceduri, ilmenta li dak li ghamel l-intimat huwa null *"ghax mhux awtorizzat"* jagixxi b`dak il-mod. L-artikolu 469A(1)(b)(i) u (iv), fil-fatt, jaghti rimedju konra l-amministrazzjoni pubblika meta din tagixxi b`mod li ma tkunx awtorizzata sabiex hekk tagixxi, u meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi. Ghalhekk, hu car fil-fehma tal-Qorti, li r-rikorrent

kellu rimedju ordinarju alternattiv u effettiv biex jitlob ridress ghall-ilmenti tieghu u, l-Qorti, ghalhekk, jidhrilha li, fid-dawl ta` dan in-nuqqas tar-rikorrent, ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha u tirrifjuta li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha.

Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta` ridress tipprovdi mod ta` soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel ma` l-Gvern, jew l-amministrazzjoni taghha, jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta lic-cittadin ikunu provduti u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanjanzi tieghu.

Apparti dan, ma jistax jinghad li r-rikorrent ghandu ragun fl-ilment tieghu. Kunjomu hu *"Balzan"* u ma jistax jaqbad u jivvinta kelma, u ghax tghogbu, jinsisti li jzida mal-kunjom ufficcjali tieghu. Ir-rikorrent, fil-fatt, talab li kunjomu jigi ufficcjalment indikat bhala *"Balzan Imqareb"*, izda din il-Qorti, b`sentenza tat-30 ta` Gunju, 2004, fil-kawza *"Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku"* kienet irrifjutat it-talba. Din il-Qorti, kif issa presjeduta, taqbel mal-osservazzjonijiet maghmula f`dik id-decizjoni fis-sens illi:

*"ma jidhirx illi fl-istat tal-ligi Maltija dak li jkun jista` bis-semplici volonta` tieghu jippretendi li jista` jibdel kunjomu jew jezigi rettifika f`dan is-sens anke jekk ghalih ikun jissarraf bhala xi sinjal distintiv ta` l-identita` tieghu. Kif rilevat proprju fis-sentenza fl-ismijiet* ***"Karmnu Balzan Imqareb vs Margaret Mortimer nomine"****, Appell Civili, 20 ta` Novembru, 1971, "ma huwiex regolari, fis-silenzju tal-ligi taghna, li marte proprio wiehed jadotta kunjom gdid jew kapriccjozament ivarja kunjomu fil-mentri li jinsab registrat taht kunjom iehor"*.

Dil-Qorti taghmel taghha wkoll is-segwenti bran mis-sentenza aktar qabel imsemmija, li fil-kuntest tar-rikorrent odjern osservat:

*“Bl-istess mod l-attur odjern, anke jekk ghamel uzu kostanti mill-aggunta ta` “Imqareb” f`kunjomu u li dan l-uzu kien ghal certu tul ta` zmien, u rikonoxxut lilu wkoll minn xi awtoritajiet – fatt dan li legalment ma kellu qatt jissucciedi – dan ma jfissirx illi b`daqshekk ghandu xi dritt li jippretendi varjazzjoni fl-istat anagrafiku tieghu. Dan anke ghaliex, kif maghruf, l-istitut tal-uzukapju mhuwiex applikabbli hlief f`materja ta` drittijiet reali. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tinjora r-realta` tac-Certifikat tat-Twelid mill-istess attur esebit (fol. 4) – li incidentalment, imkien ma jiddenota l-agguntiv ta` “Imqareb” wara l-kunjom (Balzan) ta` missieru – biex tikkuntenta lill-attur fl-ghazla kapriccjuza ta` l-attribut distintiv ivvintat bhala mezz ta` l-identita` tieghu. Il-ligi ma tikkonsenti l-ebda ghazla fakoltattiva bhal din. Din, anzi, tikkontrasta ma` norma imperattiva ta` l-istess ligi, ex Artikolu 4 (3) tal-Kodici Civili, kif fuq gja muri”*.

Dawn il-principji bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li jilhedu xi dritt fundamentali tar-rikorrent. Il-Qorti tinnota li r-rikorrent mhux qed jattakka xi provedimenti tal-ligi bhala li tmur kontra l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew il-Kostituzzjoni ta` Malta, u kwindi l-Qorti ma tistax taghmel investigazzjoni fuq dan il-meritu. L-intimat, allura, kellu jsegwi l-ligi u jirrifjuta li johrog Karta tal-Identita` b`kunjom mhux ufficcjali (ara wkoll “Marshall vs Direttur tar-Registru Pubbliku”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta` Mejju, 2006).

Ghall-kull buon fini, din il-Qorti tiddikjara li ma tirravisa ebda ksur ta` dritt fundamentali tal-bniedem bil-fatt li l-ligi ma tippermetthix li *“wiehed jadotta kunjom gdid jew kapriccjozament ivarja kunjomu fil-mentri li jinsab registrat taht kunjom iehor”*. L-ordni fil-pajjiz tkun serjament imminata jekk dan jigi permess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

Inoltre, din il-Qorti tqis li din il-kawza hija semplicement vessatorja u semplicement frivola u bl-applikazzjoni tar-

regolament numru 10 tal-iskeda A, Tariffa A, annessa mal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, tordna lir-rikorrent jhallas spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati f`ammont ta` Lm300.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------